Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 257/2018

Il-Pulizija

Spettur Carlos Cordina

Vs

Mark Zahra

Illum 25 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Zahra detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 449371M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar l-14 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' bejn 19:45hrs u 21:20hrs, minn gewwa r-residenza bl-isem ta' 'Maroota', 153, Vjal Indipendenza, Mosta, ikkommetta serq ta' flus kontanti, ta' gojjelli u diversi oggetti ohra, liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), bil-hin, bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Anthony u Victoria Sciberras u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Nhar l-14 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' bejn 19:45hrs u 21:20hrs, minn gewwa r-residenza bl-isem ta' 'Ward u Zahar', 124, Vjal Indipendenza, Mosta, ikkommetta serq ta' gojjelli liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c), bil-hin, bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Joseph u Maria Anna Gauci u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma taccedix l-ammont ta' €23.29c ghad-dannu ta' Familja Gauci u/jew terzi persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-31 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a), 267, 269 (g), 270, 278 (3), 280 (2), 325 (d) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal erba' snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Zahra, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Gunju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018 moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tilliberah mill-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu. Fin-nuqqas illi takkolji l-ewwel zewg talbiet, tirriduci l-piena moghtija u tordna illi s-sentenza tkun tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet moghtija mill-Psikjatra Dr. Maria Axiak u l-Probation Officer Gordon Grech.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Mark Zahra huma s-segwenti u cioe`:-

**L-ewwel aggravju**

Illi bla pregudizzju ghal dak sussegwenti, mill-atti tal-process jirrizulta bl-aktar mod ampju u car illi:

- Id-derubati ma raw ebda hsara ssir fil-proprjetà taghhom, u lanqas ma raw is-serqa;
- Id-derubati ma kellhom suspett f'hadd;
- Il-girien tad-derubati, meta mistoqsija mill-Pulizija ikkonfermaw illi ma raw xejn;
- L-esponenti nnega illi huwa kkommetta xi serq mir-residenza tad-derubati fl-istqarrijiet tieghu;

Illi dan necessarjament ifisser illi l-uniku prova illi ghandhom il-Pulizija fil-kawza fl-ismijiet premessi hija impronta digitali parzjali wahda minn residenza wahda minn diversi illi gew elevati mill-post;

Illi fil-kawza Il-Pulizija vs. Noel Frendo deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk: **"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence""** – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "… works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities".

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu."

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Victor Gatt, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu 9 ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Mejju 2010, il-Qorti rriteniet illi:

'Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda.'

Illi fis-sentenza ghall-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Jonathan Mizzi (13/10/2015), il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet:

'Illi l-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi fil-verità, madanakollu, fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat, ghajr ghal impronti digitali li jistghu jindikaw diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jistghu qatt ikunu prova univoka u ma jistghu qatt iwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda."

Illi l-prosekuzzjoni taghmel enfasi fuq il-fatt illi l-esponenti fl-istqarrija tieghu jghid illi ma setax kien huwa li wettaq ir-reati li bihom kien akkuzat ghaliex kienet inharqitlu l-karozza, meta gie ppruvat illi l-imsemmija karozza kienet inharqitlu xahrejn wara d-data tas-serqiet;

Illi b'kull dovut rispett, l-esponenti kien gie interrogat aktar minn sena wara li kienu saru s-serqiet fil-Mosta. Huwa ftakar illi ma kellux l-uzu tal-karozza tieghu, u kien minghalih illi kienet digà nharqitlu l-karozza dak iz-zmien. Jirrizulta mill-atti processwali illi fl-akkwati fejn jirrisjedi l-esponenti kienu nharqu diversi karozzi, u ghalhekk il-fatt illi kien tfixkel fid-data ta' meta kienet inharqitlu l-karozza aktar minn sena wara ma jfissirx illi huwa pprova b'xi mod jizgwida lill-pulizija.

**It-tieni aggravju**

**Illi bla pregudizzju ghal dak su espost u dak sussegwenti, is-sentenza appellata hija manifestament irrita u nulla ghaliex ma tosservax ir-rekwiziti tal-Artikolu 382 tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta** billi minkejja li jidher mill-korp tas-sentenza illi l-esponenti kien qieghed jigi misjub hati ta' ricettazzjoni, imkien mis-sentenza ma hemm indikat l-artikolu 334 tal-Ligijiet ta' Malta, li johloq l-imsemmi reat;

Illi s-sentenza ghall-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Generoso Sammut (Appell Kriminali 80/2004 deciz 13/10/04), din l-Onorabbli Qorti pprovdiet hekk kif gej:

'Issa l-Artikolu 382 tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:

Il-Qorti meta taghti sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.'

Illi minghajr pregudizzju ghal dak su espost u dan sussegwenti, huwa palezi mill-gurisprudenza nostrana, illi sabiex ir-reat ta' ricettazzjoni jissussisti jridu jikkonkorru s-segwenti rekwiziti, u cioe`:

- Il-provenjenza illegittima tal-oggett misruq, jew li gie mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat iehor;
- l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza illegittima;
- fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza illegittima tal-oggett in kwistjoni (Appell Kriminali il-Pulizija vs Giovanni Grima 25/10/2002);

Illi dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizzjarji.

Illi b'kull dovut rispett, l-esponenti jishaq illi ma ngabet l-ebda prova kemm diretta u kif ukoll indizzjarja illi tista' b'xi mod tikkonvinci lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni illi huwa fil-fatt qatt ircieva oggetti misruqin jew akkwistati b'xi reat iehor;

Illi minghajr pregudizzju ghas-su espost, l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-esponent hati ta' ricettazzjoni u dana stante illi l-esponenti qatt ma nstab fil-pussess ta' oggetti misruqa. Huwa ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha l-ohra li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell illi tali sejbien ta' htija ghandu jigi kkancellat;

Illi minghajr pregudizzju ghal dak su espost, u dak sussegwenti, l-akkuza tar-ricettazzjoni kienet alternattiva ghall-imputazzjoni ta' serq, u mhux l-akkuza ta' serq flimkien ma' akkuza ta' ricettazzjoni.

**It-tielet aggravju**

**Illi bla pregudizzju ghal dak su espost u dak sussegwenti, is-sentenza appellata hija manifestament irrita u nulla ghaliex ma pprovdietx dwar ir-ricediva;**

Illi fis-sentenza ghall-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Keith Pace (05/05/2005), dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti illi tipprovdi jekk kinitx qieghda ssib htija dwar ricediva o meno, din l-Onorabbli Qorti rriteniet illi:

'Issa kif gie ritenut f'gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' xiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f'kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' xiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti ta' l-Appell tiddikjara n-nullita tas-sentenza (Appell Kriminali il-Pulizija vs Francis Aquilina (26/10/1960); il-Pulizija vs Piju Gafa (18/04/1959); il-Pulizija vs Generoso Sammut (13/10/2004 u ohrajn)'

'Veru li gie ritenut ukoll fl-appell Kriminali (16/01/1986), li meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza, pero dan ma hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u propju hemm id-dubji fuq imsemmija.'

**Ir-raba' aggravju**

Illi bla pregudizzju ghal dak su espost u dak sussegwenti, jigi rilevat illi l-modus operandi fiz-zewg serqiet huwa differenti. Fil-fatt, is-serqa fir-residenza Ward u Zahar saret bi skalata, filwaqt illi s-serqa fir-residenza Maroota saret bi sgass. Dan johloq dubju serju u ragjonevoli illi ma kinitx l-istess persuna illi wettqet jew ittentat twettaq iz-zewg serqiet.

**Il-hames aggravju**

Illi bla pregudizzju ghal dak su espost u dak sussegwenti, jigi rilevat b'kull dovut rispett illi fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-kaz, l-abbli espert tal-Qorti irrelata dwar serq bi sgass mir-residenza Maroota, Vjal Indipendenza, Mosta ghad-dannu ta' Anthony

Sciberras, attentat ta' serq mir-residenza Ward u Zahar, Vjal Indipendenza, Mosta, ghad-dannu tal-familja Gauci (fol 57).

**Is-sitt aggravju**

Illi bla pregudizzju ghal dak su espost u dak sussegwenti, jigi rilevat illi fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, l-esponenti gie ammess fil-Forensic Unit gewwa l-isptar Monte Carmeli. Illi huwa nghata kura mill-psikjatra Dr. Maria Axiaq, illi a fol 153, xehdet illi l-gwardjani tal-habs kienu nnutaw illi huwa kien differenti minn haddiehor. Hija ghamlet id-dijanjosi taghha u rrizultalha illi l-esponenti ghandu Asperger's Syndrome, u cioe`:

'forma ta' awtizmu fejn l-interazzjonijiet socjali tieghu huma limitati u m'humiex normali, fis-sens dak nghidlu jiena huwa daqsxejn suggettibbli … jiena nemmen li Mark Zahra huwa vulnerabbli, huwa vulnerabbli fis-socjeta, ahseb u ara fil-Habs, fl-istituzzjoni tal-habs … hemmhekk hemm hafna nies li jistghu jaffettwawh negattiv, ejja nghidu hekk.'

Illi l-istess psikjatra tkompli tghid illi hija kienet ordnatlu kura, u kienet qed tara li huwa johodha u ssuggeriet illi huwa juza sistema ta' counselling u psychologist, illi jkompli jahdem fuq social interaction u jibqa' jigi segwit minnha bhala outpatient.

Illi dan necessarjament ifisser illi anke jekk ex gratiae argomentis jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-esponenti wettaq xi wahda mis-serqiet mertu tal-akkuzi, m'ghandhiex tinstab htija stante illi minhabba dan id-difett mentali, huwa ma kellux il-konoxxenza u l-volontà illi jikkwalifikaw ir-reat tas-serq;

Illi kif ben pacifiku u stabbilit, il-Professur Sr Anthony Mamo jghallem illi:

'our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara ie la contrectatio dolosa della cosa altri, fatta in cito domino con animo di farne lucro.'

Illi fil-fatt, l-element intenzjonali tas-serq ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett imma wkoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qligh. Kif jghid Cararra (op. cit. Vol 1 para 2035):

'il dolo specifico del furto consiste nell intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui.'

**Is-seba' aggravju**

Illi bla pregudizzju ghal dak su espost, il-piena moghtija hija wahda eccessiva fid-dawl tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti

Rat ix-xheda prodotta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza hija limitata ghat-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant rigwardanti n-nullita' o meno tas-sentenza appellata. It-tieni aggravju tal-appellant jipprovdi li s-sentenza appellata hija manifestament irrita u nulla ghaliex ma tosservax ir-rekwiziti tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jissottometti li ghalkemm fis-sentenza kien qieghed jinstab hati ta' ricettazzjoni, imkien fis-sentenza ma hemm indikat l-artikolu 334 tal-Ligijiet ta' Malta li johloq l-imsemmi reat.

Fl-istess aggravju, l-appellant iressaq sottomissjonijiet abbazi ta' liema jissottometti ragunijiet ghala jemmen ma kellux jinsab hati ta' ricettazzjoni. Din il-Qorti mhijex ser tikkunsidra u tiddeciedi dawn il-kunsiderazzjonijiet sussidjarji li jolqtu l-mertu tal-kawza appellata izda kif hawn fuq inghad sejra l-ewwel tiddeciedi jekk is-sentenza appellata tirrispettax il-vot tal-ligi kif jiprovdi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'.*

L-appellant fit-tieni aggravju jissottometti li mkien fis-sentenza ma hemm indikat l-artikolu 334 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti tipprezumi li l-appellant qieghed jirreferi ghall-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra l-parti dispositiva tas-sentenza appellata li taqra:

*'Ghal dawn il-motivi l-Qorti;*

*Wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a), 267, 269 (g), 270, 278 (3), 280 (2), 325(d) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal erba' snin prigunerija.*

*Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.'*

Ikkunsidrat;

Illi b'qari tal-parti dispositiva tas-sentenza appellata, jirrizulta car li kuntrarjament ghal dak li l-appellant jissottometti fit-tieni aggravju tieghu rigwardanti n-nullita' tas-sentenza, l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha indikat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ma jistax jinghad li minkejja li l-appellant instab hati ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi li jikkontempla dan ir-reat.

Ghaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appellant rigwardanti n-nullita' tas-sentenza appellata qieghed jigi michud. Tenut kont li l-appellant fit-tielet aggravju iressaq raguni ohra abbazi ta' liema qieghed jissottometti li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla, din il-Qorti f'dan l-istadju mhijiex sejra tikkunsidra l-mertu tat-tieni aggravju li jmur lil hin mill-aggravju dwar in-nullita' o meno tas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant permezz tat-tielet aggravju jipprovdi li s-sentenza appellata hija

manifestament irrita u nulla ghaliex ma pprovdietx dwar ir-recediva.

Ili l-appellant gie akkuzat b'hames (5) imputazzjonijiet kif ukoll li:

*'U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;'*

Jirrizulta mill-qari tas-sentenza appellata, li l-Ewwel Qorti ghalkemm nizlet din l-akkuza bhala wahda mill-akkuzi migjuba kontra l-appellant, fl-ebda stadju fis-sentenza ma kkunsidrat provi o meno dwar din l-akkuza, la provdiet dwar jekk instabitx htija u lanqas ma semmiet l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw dan ir-reat. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti ddecidiet li qieghda ssib l-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni.

Din il-Qorti sejra tibda' billi taghmel referenza ghat-tghallim gurisprudenzjali dwar l-akkuza tar-recidiva. Fis-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur James Grech Vs Raymond Galea'**[1], fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, kkunsidrat li:

*'Fil-fatt r-recidiva hija akkuza u reat per se, separata u distina minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ippruvati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi lliberat minn akkuza ta' recidiva.*

*Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghall-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet ikkundannata ghall-reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u taghmel reat iehor. Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.'*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Settembru, 2018 (Appell Numru: 285/2017)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Paul Abela u ...omissis...'**[2], il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat li:

*'L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas- sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

*U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:*

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

*Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva. U l-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement l-akkuza dwar ir- recidiva ma tirrizultax.'*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru, 2004 (Appell Kriminali Numru. 87/2004)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Anthony Sammut'**[3], il-Qorti dwar l-akkuza tar-recidiva kkunsidrat ukoll li:

*'Fil-kaz in ezami ma gietx esebita kopja ufficjali tas- sentenza li biha giet addebitata r-recidiva lill-appellant. Minflok giet esebita kopja informali. Huwa veru li forsi din tidher li hi biss teknikalita`, izda fil-fatt hi prova essenzjali li ma tistax lanqas tigi sostitwita b'dak li hemm fil-fedina penali ta' l-appellant ghaliex dan id-dokument mhuwiex l- ahjar prova ufficjali. Ta' min josserva wkoll li ghalkemm il- kopja informali msemmija giet esebita minn P.S. 125 Malcolm Mifsud li, meta xehed quddiem din il-Qorti, qal li jaf li "nqatghatlu ohra dan l-ahhar, ghal Ottubru tas-sena l- ohra", ma jidhirx li kien involut fil-kaz li allegatament tirreferi ghalih l-istess kopja informali. U ghalkemm P.S. 630 Carmel Micallef xehed li kien hu li kien dahhal ir-rapport li ghalih jidher li qed tirreferi l-imsemmija kopja, in kontro-ezami qal li meta xehed quddiem l-ewwel Qorti kien iddikjara li jaf lil Anthony Sammut u jiftakar li kien hemm sentenza pero` "ma nafx id-data liema kienet".*

*Bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza citata **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha. M'ghandhiex lanqas, ghax sentenza precedenti kontra l- istess individwu tkun inghatat minn dik il-Qorti presjeduta mill-istess Magistrat, tissostitwixxi dik il-konoxxenza ghall- htiega tal-prosekuzzjoni li tipprova anke l-imputazzjoni tar- recidiva beyond reasonable doubt kif suespost. Fil-kaz prezenti ghalhekk kienet mankanti l-prova mehtiega dwar it-tieni imputazzjoni. Konsegwentement it-tieni aggravju ghandu jigi milqugh u m'hemmx lok ghalhekk li jigi kkunsidrat it-tielet aggravju.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Jesmond Micallef) vs John Borg'**[4], il-Qorti dwar l-akkuza tar-recidiva qieset li:

*'Illi l-imptuat gie akkuzat ukoll talli huwa recidiv ai termini tal- Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Qorti thoss li ghalkemm ir-recidiva hija akkuza distinta u separata mill-akkuzi l-ohra u l-Qorti m'ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni l-possibilta' ta' awment fi grad meta tigi biex tqies kwistjoni bhal dik tal-preskrizzjoni kif del resto huwa l-kaz meta bniedem jigi akkuzat bl-*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 2004 (Appell Kriminali Numru. 36/2004)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-19 ta' Mejju, 2014 (Numru. 554/2012)

*Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Kif anke gie kkunsidrat fis-sentenza '**<u>Il-Pulizija Spettur Jeffrey Cilia Vs Maurizio Zahra u Johan Pace</u>**'[5]:

*'Fil-fatt ir-recidiva hija akkuza u reat per se, separata w distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra, taht l-* ***artikoli 49 u 50*** *tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva. Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghall-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, w taghmel reat iehor.*

*Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-**artikoli 49 u 50 tal- Kap 9**, li f'dan il-kaz iz-zmien huwa applikabbli.*

*Izda mbaghad hemm l-**artikolu 289 tal-Kap 9** ukoll moghti fil-konfront ta' **Johan Pace**, li jistabilixxi konsegwenzi w effetti legali ta' meta wiehed li jkun gia gie kkundannat ghal reat, jerga' jigi kkundannat ghal reat iehor, u dan minghajr ebda limitazzjonijiet ta' zmien.*

*L-artikolu 289 tal-Kap 9 jitkellem mill-banda l-ohra, f'parti specjali jew espressa tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu m'hemm ebda limitazzjoni ta' zmien. Din hi disposizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura stabbilita f'dan l-artikolu.'*

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuza tar-recidiva hija akkuza per se, separata u distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra. Ghalhekk sabiex il-Qorti ssib htija tal-akkuza tar-recidiva jehtieg li l-prosekuzzjoni tressaq provi dwar dan u dan peress li hemm certi kundizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u pruvati mill-Prosekuzzjoni. Filfatt wiehed wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva.

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2011 (Numru 521/2011)

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata naqset milli tipronunzja ruhha dwar jekk tirrizultax ir-recidiva u f'kaz li din kienet tirrizulta, naqset milli ssemmi l-artikolu u/jew artikoli li jikkontemplaw dan ir-reat. Din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk dan in-nuqqas iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Brian Micallef'**[6], Il-Qorti annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

'*Iżda l-appellant jillamenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma semmietx jekk l-appellanti huwiex ħati jew le tal-ħames imputazzjoni.*

*Issa fis-sentenza miktuba mill-Ewwel Onorabbli Qorti hemm miktub hekk fuq in-naħa tax-xellug:*

*'Stante li l-1, 2,3,u r r-raba' akkuzi ġew ippruvati......'.*

*Iżda mbagħad il-Maġistrat ziedet 'u l-5' bejn in-numru 4 u l-kelma 'akkuzi'. Għalhekk jidher li skond is-sentenza miktuba l-appellant kien misjub ħati tal-ħames imputazzjoni.*

*Min-naħa l-oħra, min ħa ħsieb jittajpja s-sentenza kiteb hekk:*

*'Stante li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi ġew ippruvati, speċjalment mill-affidavit ta' PS 426 u tax-xhud Steve Abela, qed issib lill-imputat Brian Micallef ħati ta' dawn l-akkuzi u tikkundannah multa ta' €570'.*

*Waqt li jissemma l-artikolu 338(g) tal-Kap 9, li jolqot il- ħames akkuża, fis-silta riprodotta hawn fuq m'hemmx referenza għall-ħames imputazzjoni probabbli għax min ittajpja s-sentenza ma ndunax li l-Maġistrat kienet nizżlet bl-idejn il-frazi 'u l-5' bejn 'in-numru 4' u l-kelma 'akkuzi' fuq iċ-ċitazzjoni u ra l-ewwel erba' numri biss.*

*Jirriżulta li hemm żewġ verzjonijiet tal-istess sentenza li mhumiex jaqblu għal kollox dwar il-ħames imputazzjoni.*'

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Frar, 2011 (Appell Kriminali Numru. 266/2010)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Brian Muscat'**[7], il-Qorti annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li sabet li:

*'...mis-sentenza appellata jirrizulta illi, nonostante d- dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti li kienet qed issib htija ta' l- akkuzi kollha, hija ma ttrattatx ma' l-appellant ghall-ksur tal-kondizzjoni imposta bis-sentenza msemmija ta' l-4 ta' Dicembru 2003 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin minn dik id-data (ara sentenza a fol. 44 u 45). Dan jirrizulta kemm mill-fatt li ddikjarat biss li l-imputazzjoni ta' recidiva tirrizulta kif ukoll mill-fatt illi fost l-artikoli ma ccitatx l-artikoli rilevanti ghal dik l-imputazzjoni, cioe` ghall-imputazzjoni li kien kiser il-kondizzjoni mposta bl- imsemmija sentenza u allura wkoll l-artikoli rilevanti ghar- reati li taghhom kien instab hati bl-istess sentenza.'*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Generoso Sammut'**[8]:

*'Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellant hati tat-"tieni" imputazzjoni biss filwaqt li lliberatu mill-"ewwel" imputazzjoni u minn dik ("ir-raba'") li sar recidiv. Dwar it-"tielet" imputazzjoni baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant minnha. Huwa veru li l-ewwel Qorti rriferiet biss ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li dwaru kienet qed issib il-htija. Izda b'daqshekk l-appellant ma jistax jassumi li gie lliberat mit-tielet imputazzjoni galadarba l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed tilliberah minnha wkoll. Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar din l-imputazzjoni naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv.*

*Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill- appellant (allura imputat) minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha*[9].

*F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u ghalhekk jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti*

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 238/2008)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ottubru, 2004 (Appell Kriminali Numru: 80/2004)
[9] In-noti ta' qiegh il-pagna enumerata wiehed (1) fis-sentenza citata taqra: *'Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:* ***"Meta jinghalaq is- smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat"***.

*sejra tiddikjara ex officio s- sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, sejra tittratta l-kaz fil-mertu. Ghalhekk m'hemmx lok li jigi investigat l-ewwel aggravju ta' l- appellant.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. G. Azzopardi) Vs. Jurgen Xerri Donna Camilleri'**[10] gie kkunsidrat:

*'Li kif tinsab redatta s-sentenza minn imkien ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti qieset w, inqas u inqas, li sabet htija jew xorta' ohra dwar l-akkuzi mizjuda fuq imsemmija.*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il- Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

***Illi f' dan il-kaz, billi fl-akkuzi kif riprodotti fis-sentenza appellata, ma jissemmewx il-hames akkuzi li gew mizjuda, gie li l-Ewwel Qorti ma qalitx il-fatti li taghhom l-imputati kienu qed jigu misjuba hatja.***

***Inoltre din il-Qorti ma tistax ma tosservax "marte propria" li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija kemm tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni alternattiva ta' ricettazzjoni f' daqqa. Setghet issib htija jew ta' wahda jew tal-ohra, imma mhux tat-tnejn f' daqqa.***

***Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, kif del resto qablu l-prosekuzzjoni w d-difiza, tannulla s- sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ddisponietx u ma ddecidietx dwar l-akkuzi kollha (inkluzi dawk mizjuda fl-ewwel dehra) dedotti kontra l- appellati.'***

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Mario Bonello) Vs Keith Pace'**[11] wara li l-appellant issottometta li l-Ewwel Qorti naqset fis-sentenza appellata milli

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru, 2006 (Appell Kriminali Numru. 240/2006)
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Mejju, 2005 (Appell Kriminali Numru: 51/2005)

tippronunzja ruhha dwar l-imputazzjoni tar-recidiva billi issib htija jew tillibera lill-appellant u li ghalhekk dik is-sentenza hija difettuza u nieqsa minn wiehed mir-rekwiziti essenjzali li jirrendi s-sentenza nulla, il-Qorti annullat is-sentenza appellata wara li fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat:

'*Inoltre ghalkemm qalet ukoll li l-appellant ma kienx ammetta r-recidiva, imkien fis-sentenza appellata ma pprovdiet "ut sic" jekk kienet jew ma kienetx qed issibu hati ta' recidiva, ghalkemm mill-fatt li ma ccitatax l-artikoli rilevanti 49 u 50 tal-Kap.9, wiehed jista' jifhem li x' aktarx li ma sabitux hati tar-recidiva.*

*Illi l-Qorti tifhem u taghder lill-Ewwel Qorti, meta, wara hafna dilungar u differimenti inutili principalment provokati minn-nuqqas ta' dehra tal-appellant u anki xi tattici difensjonali, riedet tikkonkludi l-proceduri quddiemha w , wara li tat il-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu noti, halliet il- kawza ghas-sentenza, pero' in vista tal-fatt li ma kienx hemm ammissjoni dwar l-addebitu tar-recidiva w kien hemm certu dubju dwar liema mill-ewwel zewg akkuzi l- appellant kien ammetta, jidher li kien il-kaz li l-Ewwel Qortiu kellha tisma l-provi tal-prosekuzzjoni biex tiddeciedi jekk il-kaz kienx wiehed ta'serq jew ta' ricettazzjoni kif ukoll tisma' l-provi dwar ir-recidiva, Il-Prosekuzzjoni naqset li tinsiti ghal dan , kif kellha dmir baziku li taghmel fic-cirkostanzi w dan seta' forsi induca lil-Ewwel Qorti li setghet tipprocedi ghas-sentenza cio'nonostante.*'

Ikkunsidrat;

Kif spjegat f'din is-sentenza, stante li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata naqset milli tikkunsidra l-akkuza tar-recidiva, tant li ghalkemm sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, naqset milli tindika l-artikoli li jikkontemplaw ir-reat tar-recidiva, ifisser li s-sentenza appellata ma rrispettatx dak li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jehtieg ad validitatum. Dan ghalhekk iwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti qieghda *ex officio* tirrileva ukoll li jirrizulta li meta l-Ewwel Qorti ghaddiet sabiex fil-parti disposittiva ssemmi l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li taghhom l-appellant gie misjub hati, indikat l-artikolu 325(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

liema artikolu huwa inezistenti. Jirrizulta ghalhekk li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha erronjament niezlet l-artikolu 325(d) minflokk l-artikolu 325(1)(d) f'dak li jirrigwarda il-hames (5) akkuza. Dan l-izball skont it-tghallim gurisprudenzjali li sejra ticcita din il-Qorti wkoll iwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[12], il-Qorti kkunsidrat li:

***'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.***

***Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim.*** *"Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon"*[13] ***u ohrajn)*** (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[14] ukoll:

***'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara*** *"Il-Pulizija vs. Mario Agius"*[15] ***u ohrajn)*** **(**Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen**

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[15] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995

**<u>Bonsfield</u>**[16] ikkunsidrat li:

***'l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.'*** (Emfażi miżjuda)

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda kemm abbazi tar-ragunijiet imqajma *ex officio* minn din il-Qorti u anke billi tilqa' it-tielet aggravju tal-appellant ghar-raguni spjegata f'din is-sentenza, tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pożżzzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)